

Brussell, 31 ta' Marzu 2017
(OR. fr, cs)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0269 (COD)

7778/17
ADD 1

CODEC 501
GENVAL 31
JAI 288
MI 284
COMPET 223
COMIX 233

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Azzjoni effettiva u proporzjonata fil-livell tal-UE hija essenzjali bħala reazzjoni għat-theddidiet kumplessi għas-sigurtà u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna. L-attakki terroristiċi, inkluż dawk fi Franza u fil-Belġju, kixfu nuqqasijiet konsiderevoli fil-qafas regolatorju Ewropew dwar l-armi tan-nar.

Sabiex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet, ir-riforma tad-Direttiva 91/477/KE tikkonċentra fuq għadd ta' oqsma: kontroll aħjar tat-traffikar tal-armi tan-nar, aktar traċċabbiltà u diżattivazzjoni aħjar tal-armi tan-nar, regoli aktar stretti għall-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar, projbizzjoni fuq l-użu ċivili tal-aktar armi tan-nar perikolużi u skambju ta' informazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.

Matul in-negozjati, il-Lussemburgu appoġġa b'mod attiv dawk l-aspetti kollha tal-proposta għal direttiva oriġinali u tenna l-impenn tiegħu li jżomm l-ambizzjoni tar-riforma f'livell li kapaċi jirreaġixxi għat-theddidiet għas-sigurtà li għandha bħalissa l-Ewropa.

F'dak il-kuntest, il-projbizzjoni fuq l-aktar armi tan-nar semiawtomatiċi perikolużi abbażi ta' kriterji ta' speċifikazzjoni oġġettivi hija parti ewlenija mir-riforma: projbizzjoni stretta u armonizzata fuq dawk l-armi tan-nar li jkollhom impatt dirett fuq is-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej kollha.

Madankollu, it-test ta' kompromess li jirriżulta min-negozjati interistituzzjonali jdgħajjef kwalunkwe tali projbizzjoni stretta u armonizzata billi jipprevedi eżenzjonijiet eċċessivament ġenerali għal ċerti kategoriji ta' nies (it-tiraturi fuq bersall), jiġifieri eżenzjonijiet għal perċentwali sinifikanti ta' dawk li jkunu fil-pussess ta' armi tan-nar u japplikaw biex jingħataw awtorizzazzjonijiet għalihom.

Peress li r-restrizzjonijiet fuq l-akkwist u l-pussess ta' tali armi tan-nar mhumex biżżejjed, il-Lussemburgu ma jistax jappoġġa t-test ta' kompromess li għandu jiġi formalment adottat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew u ser jivvota kontra t-test.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-fatt li bdiet il-ħidma fuq emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi bil-ħsieb li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri individwali jkunu jistgħu jirreaġixxu aħjar għat-theddidiet għas-sigurtà ta' bħalissa, u b'mod partikolari għat-terroriżmu. Ipparteċipajna fin-negozjati dwar il-proposta b'mod attiv u kostruttiv u ninsabu kuntenti li xi wħud mill-problemi ġew solvuti.

Madankollu, inqisu li ċerti elementi ewlenin tal-proposta mhumiex adatti fis-sustanza, legalment mhumiex ċari u, xi kultant, sproporzjonati b'mod evidenti. F'xi każijiet, id-Direttiva tiffavorixxi trattament diskriminatorju. B'mod partikolari, nesprimu d-diżappunt tagħna fir-rigward tal-projbizzjoni mhux ċara u mhux neċessarja ta' ċerti armi tan-nar semiawtomatiċi. Flimkien ma' klawżola ta' anterjorità maħsuba ħażin, dawn il-miżuri jistgħu saħansitra jkomplu jieħdu s-sitwazzjoni tas-sigurtà għall-aġar fil-perijodu medju u twil. Ma jistgħux jilhqqu l-għanijiet iddikjarati tad-Direttiva u mhux ser jilhqhom.

Inqisu li l-perijodu ta' implimentazzjoni propost huwa qasir wisq, peress li ser ikun hemm bżonn li għadd kbir ta' liġijiet nazzjonali jiġu emendati b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-leġislatur nazzjonali ser ikollu jakkomoda l-atti ta' implimentazzjoni u delegati tal-Kummissjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali f'perijodu ta' żmien saħansitra iqsar.

Għal dawk ir-raġunijiet u oħrajn, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tapprova l-abbozz ta' Direttiva.
